MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

Laqgħa b'Urgenza

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fil-Bini Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 fis-6.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Stephen Sultana – Sindku
Is-Sur Jonathan Brimmer – Viċi Sindku
Is-Sur Silvio Vella – Kunsillier
Is-Sur Jason Mangani – Kunsillier
Is-Sa Elizabeth Vella – Kunsillier
Is-Sur Horace Anastasi – Kunsillier
Is-Sur Darren Carabott - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Ħadd

ASSENTI
Is-Sur Gianluca Falzon

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sa Jane Yvonne Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
L-Avukat Josephine Farrugia Mifsud

AGENDA

Xogħol fi Triq Qormi

MINUTI

Is-Sindku Stephen Sultana ppresieda l-laqgħa.

67.1 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li ħass id-dover li jsejjaħ Laqgħa b'Urġenza sabiex jikkomunika lill-Membri tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li l-istess Kunsill Lokali kien irċieva Mandat ta' Inibizzjoni mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

Ir-Rikorrenti huma Valentino Brothers, R & J Holdings Company Ltd., Immagine Casa u Petroni Ltd.

L-intimati huma il-Kunsill Lokali Santa Venera u l-Awtorita għat-Trasport f'Malta.

Is-Sindku qara ir-rikors u ġew innutati diversi ineżattezzi u li dwarhom ser tinġibed l-attenzjoni tal-avukat.

F'dan l-istadju (18:45) ingħaqdet mas-Sindku u l-kumplament tal-Membri tal-Kunsill l-Avukat Dr. Josephine Farrugia Mifsud LL.D mill-uffiċċju tal-Avukat Dr. Joseph Sammut LL.D.

L-Avukat Farrugia Mifsud spjegat id-difiża li ppreparat u ġew diskussi dawk il-punti li kien hemm bżonn kjarifika fuqhom sabiex jiġu issalvagwardjati l-interessi tar-residenti.

Ġie deċiż ukoll li mad-difiża tagħha l-Avukat Dr. Josephine Farruġia Mifsud tippreżenta wkoll ritratti u petizzjoni mir-residenti.

Il-membri kollha qablu unanimament mar-rakkomandazzjonijiet tad-difiża tal-Avukat.

Fis-7.30 ta' filgħaxija, is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa

Kkonfermati, llum 8 ta' Mejju 2017

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stephen Sultana<br>Sindku | Jane Yvonne Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |